



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0028/2009, imressqa minn Mariano Martínez Fernández, ta' nazzjonalità Spanjola, dwar l-esproprjazzjoni ta' proprjetajiet għall-bini ta' impjant ta' purifikazzjoni f'Socovos, Albacete, fi Spanja.**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant joġġezzjona għax-xiri obligatorju tal-proprjetà tiegħu mill-awtoritajiet municiipali ta' Socovos għall-bini ta' impjant ta' purifikazzjoni bl-użu ta' approprjazzjonijiet mill-Fondi ta' Koeżjoni. Huwa jsostni li, għalkemm il-proprjetà tiegħu ġiet esproprjata, l-impjant ta' purifikazzjoni fl-aħħar mill-aħħar ma nbeniex fuqha. Jallega wkoll li l-impjant inbena fuq art ta' konservazzjoni mingħajr liċenzja ta' operazzjoni, iżda tħalla jkompli minkejja s-sejba ta' nekropoli medjevali waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet. Fid-dawl ta' dawn l-irregolaritajiet, il-petizzjonant qed jitlob l-irtirar tal-ħlasijiet għall-proġett mill-Fond ta' Koeżjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-21 ta' April 2009. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-25 ta' Marzu 2010.

Bid-Deċiżjoni C (2002) 755 tad-19.04.2002, il-Kummissjoni pprovdiet għajjnuna mill-Fond ta' Koeżjoni għall-grupp ta' proġetti (N° C.C.I.: 2000ES16CPE058) "Trattament tal-Ilma Mormi u l-Provvista tal-Ilma fil-Baċin tax-Xmara Segura – 2001". Wieħed mill-proġetti individwali inkluż fid-deċiżjoni huwa l-bini ta' impjant għat-trattament tal-ilma mormi (WWTP) fil-municiipju ta' Socovos.

Fil-15 ta' Marzu 2004, wara l-konsultazzjoni u l-ftehim tal-Kumitat ta' Monitoraġġ tal-Fond

ta' Koeżjoni, Spanja bagħtet proposta għal modifika tad-Deċiżjoni li, fost it-tibdiliet, ipproponiet il-modifika tal-post tad-WWTP ta' Socovos għal post aktar 'il bogħod mill-muniċipju, sabiex jitnaqqsu l-impatti tad-WWTP, speċjalment fejn jidħol it-tniġġis tal-arja possibbli minħabba t-tixrid tal-gassijiet.

Fil-5 ta' Awwissu 2004 bid-Deċiżjoni C (2004) 3110, il-modifika proposta tad-Deċiżjoni oriġinali ġiet approvata mill-Kummissjoni.

F'Awwissu 2009, l-Awtoritajiet Spanjoli bagħtu r-Rapport Finali u t-Talba Finali għall-ħlas tal-proġett, inkluża d-Dikjarazzjoni tal-Likwidazzjoni ffirmata mill-Awditur (l-“Interventor General”) tal-“Comunidad Autónoma de Castilla la Mancha”. Wara li ġew eżaminati r-Rapport Finali u t-Talba Finali għall-ħlas tal-ghajjnuna mill-Fond ta' Koeżjoni, li kienu sottomessi lill-Kummissjoni, l-Awditur ikkonkluda li n-nefqa ddikjarata fit-Talba Finali għall-ħlas hija valida.

Fir-rapport meħmuż mad-Dikjarazzjoni tal-Likwidazzjoni, hemm indikat li fil-kontrolli li saru mill-awdituri tal-“Comunidad Autónoma de Castilla la Mancha” ġie osservat żball rigward in-nefġiet relatati mal-esproprjazzjonijiet tal-art li ġew meqjusa ineliġibbli. Iċ-ċertifikazzjoni tan-nefġiet mhux eliġibbli ġiet revokata.

Il-Kummissjoni tissuġġerixxi lill-applikant biex jikkuntattja lill-awtoritajiet Spanjoli, b'mod partikolari lill-Awtorità ta' Ġestjoni fil-Ministeru tal-Ekonomija, is-Sinjura Angeles Holgado (e-mail: AHolgado@sgpg.meh.es) jew lill-Korp Intermedjarju tal-“Comunidad Autónoma de Castilla la Mancha”, is-Sur Ildefonso Martínez Jiménez (e-mail: imartinez@iccm.es) biex jiġu ċċarati d-dettalji speċifiċi ta' din il-kwistjoni.

Is-servizzi tal-Kummissjoni qegħdin jipplanaw li jżuru l-proġett f'Marzu 2010, sabiex jivverifikaw il-post finali tad-WWTP, kif ukoll il-permessi meħtieġa għall-bini tal-impjant. Il-Kummissjoni se tinforma lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet bir-riżultati tal-verifika li se tagħmel.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Wara t-talba ta' kjarifika mis-servizzi tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Spanjoli bagħtu d-dokumentazzjoni u l-ispjegazzjonijiet segwenti:

- Il-fteħima ta' koperazzjoni bejn il-“Consejería de obras públicas de la Junta de comunidades de Castilla-La Mancha” u l-municipalitá ta' Socovos. Permezz ta' din il-fteħima, il-municipalitá rċeviet għajjnuna finanzjarja u teknika. Id-Digriet Leġiżlattiv Reġjonali 1/2004 jstabilixxi li wara l-iffirmar tal-fteħima bejn il-municipalitá u l-awtoritajiet reġjonali, mhijiex meħtieġa awtorizzazzjoni muniċipali speċifika għall-bini tal-proġett mifthiem bejn iż-żewġ partijiet.
- Iż-żewġ proġetti (dak oriġinali u dak modifikat) approvati għall-kofinanzjament mill-Fond ta' Koeżjoni ġew sottomessi lill-Awtoritá tal-Ambjent. Fiż-żewġ każijiet l-Awtoritá tal-Ambjent ippreżentat rapport li jiċċertifika li l-Istima tal-Impatt Ambjentali ma kinitx meħtieġa.

- Ittra mis-Sindku tal-muniċipalit  ta' Socovos lill-awtoritajiet reġjonali li fiha talab li jinbidel il-post tal-impjant għat-trattament tal-ilma mormi għall-post finali.
- Il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali reġjonali tal-approvazzjoni tal-proġett modifikat fil-post finali hija prova tad-dikjarazzjoni ta' interess pubbliku tal-proġett u tal-ħtieġa għal okkupazzjoni urġenti tal-art li biha jinbeda l-proċess tal-esproprjazzjoni.
- Fir-rapport mehmuż mad-Dikjarazzjoni tal-Likwidazzjoni, hemm indikat li fil-kontrolli li saru mill-awdituri tal-“Comunidad Aut noma de Castilla la Mancha” g ie osservat żball rigward in-nefquiet relatati mal-esproprjazzjonijiet tal-art li g ew meqjusa ineliġibbli. In-nefquiet mhux eliġibbli g ew irtirati. L-Awtorit  ta' G estjoni kkonfermat li n-nefquiet relatati mal-esproprazzjoni qatt ma g ew iffinanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni.
- Waqt it-tħejjija tal-art, instabet nekropoli fiż-żona fejn kien previst il-bini ta' kontroll tad-WWTP. Il-bini tal-impjant twaqqaf biex jitwettaq stħarriġ arkeoloġiku. Ir-riżultati tal-istħarriġ talbu  - aqliq tal-bini ta' kontroll għal post ieħor. L-awtorit  Reġjonali tat il-kunsens tagħha biex il-bini tal-proġett isir fil-post il-ġdid.

Wara l-evalwazzjoni tad-dossjers relatati mal-proġetti tal-Fond ta' Koeżjoni u wara li g ew ikkunsidrati l-kjarifiki u d-dokumentazzjoni ulterjuri mibgħuta mill-awtoritajiet Spanjoli, il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda irregolarit  fl-implimentazzjoni tal-proġett.

Il-Parlament jista' jissuġġerixxi lill-petizzjonant biex jikkuntattja lill-awtoritajiet Spanjoli, b'mod partikolari lill-Awtorit  ta' G estjoni fil-Ministeru tal-Ekonomija, is-Sinjura Angeles Holgado (e-mail: AHolgado@sgpg.meh.es) jew lill-Korp Intermedjarju tal-“Comunidad Aut noma de Castilla la Mancha”, is-Sur Idefonso Mart nez Jim nez (e-mail: imartinez@jccm.es) biex jiġu  ċarati d-dettalji speċifiċi ta' din il-kwistjoni.